# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/38/KE

## tal-5 ta' Marzu 2008

## li tistabbilixxi lista ta' użu intiż tal-materjali ta' l-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/74/KEE tat-13 ta' Settembru 1993 dwar il-materjali ta' l-għalf għal skopijiet partikolari nutrizjonali [1] u partikolarment l-Artikolu 6(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 94/39/KE tal-25 ta' Lulju 1994 li tistabbilixxi lista ta' użu intiż tal-materjali ta' l-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali [2] ġiet emendata kemm-il darba [3] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

(2) Direttiva 93/74/KEE tipprovdi għall-istabbiliment ta' lista pożittiva ta' l-użu intiż tal-materjali ta' l-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali. Dik il-lista trid tindika l-użu preċiż, jiġifieri, l-iskop partikolari nutrizzjonali, l-karatteristiċi nutrizzjonali, d-dikjarazzjonijiet ta' l-ittikettjar u meta xieraq il-ħtiġiet speċjali ta' l-ittikkettjar.

(3) Ċerti skopijiet nutrizzjonali ma jistgħux jiġu inklużi fil-lista ta' użu intiż minħabba l-assenza ta' metodi tal-Komunità ta' kontroll għall-valur ta' l-enerġija fil-materjali ta' l-għalf ta' l-annimali u għall-fibra dietetika fil-materjali ta' għalf ta' l-annimali. Din il-lista għandha tkun ikkompletata appena dawn il-metodi jiġu adottati.

(4) Il-lista stabbilita tista' tkun immodifikata, meta xieraq, bis-segwiment ta' l-iżviluppi fit-tagħrif xjentifiku u tekniku.

(5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

(6) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti B,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-materjali ta' l-għalf intiżi għal skopijiet partikolari nutrizzjonali fl-ambitu tat-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 93/74/KEE għandhom ikunu *marketed* biss jekk l-użu intiż tagħhom huma inklużi fil-parti B ta' l-Anness I għal din id-direttiva u jekk jissodisfaw id-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'dik il-Parti ta' l-Anness I.

Aktar minn hekk, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li d-dispożizzjonijiet permezz tad-"Dispożizzjonijiet Ġenerali" tal-Parti A ta' l-Anness I ikun hemm konformità magħhom.

*Artikolu 2*

Id-Direttiva 94/39/KE, kif emendata mid-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti A, hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Lulju 2008.

[1] ĠU L 237, 22.9.1993, p. 23. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).
[2] ĠU L 207, 10.8.1994, p. 20. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2008/4/KE (ĠU L 6, 10.1.2008, p. 4).
[3] Ara l-Anness II, Parti A.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 5 ta' Marzu 2008.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

## PARTI A

### Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Meta jkun hemm aktar minn grupp wieħed ta' karatterisitiċi nutrizzjonali indikati fil-kolonna 2 tal-Parti B, ddenotata bi "u/jew", għall-istess skop nutrizzjonali, il-manifattur għandu l-għażla li juża jew wieħed minn inkella ż-żewġ gruppi ta' karatteristiċi essenzjali, sabiex jikseb l-iskop nutrizzjonali ddefinit fil-kolonna 1. Għal kull għażla d-dikjarazzjonijiet korrispondenti ta' l-ittikkettjar huma mogħtija biswit il-kolonna 4.

2. Meta grupp ta' addittivi huwa msemmi fil-kolonna 2 jew fil-kolonna 4 tal-Parti B l-addittiv(i) wżati għandhom ikunu awtorizzati fir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) bħala li huma korrespondenti għall-karatteristika essenzjali speċifikata.

3. Meta s-sors(i) ta' l-ingredjenti jew tal-kostitwenti analitiċi huwa (huma) meħtieġa fil-kolonna 4 tal-Parti B, il-manifattur għandu jagħmel dikjarazzjoni preċiża (e.g. l-isem speċifiku ta' l-ingredjent(i), l-ispeċi ta' l-annimali jew ta' parti mill annimal) li jippermettu l-evalwazzjoni tal-konformità tal-materjali ta' l-għalf bil-karatteristiċi essenzjali nutrizzjonalment korrespondenti.

4. Meta d-dikjarazzjoni ta' sustanza, ukoll awtorizzata bħala addittiv, hi meħtieġa fil-kolonna 4 tal-Parti B u hija akkumpanjata bl-espressjoni "total" il-kontenut iddikjarat għandu jirreferi għal, kif xieraq, il-kwantità naturalment preżenti meta xejn ma jkun miżjud jew, b'deroga mid-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]), il-kwantità totali tas-sustanza naturalment preżenti u l-ammont miżjud bħala addittiv.

5. Id-dikjarazzjonijiet meħtieġa fil-kolonna 4 ta'-Parti B bir-referenza "jekk miżjuda" huma obbligatorji meta l-ingredjent jew l-addittiv ikun ġie inkorporat jew miżjud speċifikament biex jippermetti l-ksib ta' l-iskop nutrizzjonali partikolari.

6. Id-dikjarazzjoni li għandha tingħata bi qbil mal-kolonna 4 tal-Parti B dwar il-kostitwenti analitiċi u l-additivi għandha tkun kwantitattiva.

7. Il-perijodu rrakkomandat ta' l-użu indikat fil-kolonna 5 tal-Parti B jindika l-medda li fiha l-iskop nutrizzjonali għandu normalment ikun miksub. Il-manifatturi jistgħu jirreferu għal perijodi aktar preċiżi ta' użu, fil-limiti stabbiliti.

8. Meta materjal ta' l-għalf huwa intiż li jissodisfa aktar minn skop nutrizzjonali wieħed, dan għandu jkun konformi mal-kitbiet korrispondenti fil-Parti B.

9. Fil-każ ta' materjali ta' l-għalf kumplimentari li huma intiżi għall-iskopijiet partikolari nutrizzjonali, gwida dwar il-bilanċ tar-razzjon ta' kull jum għandha tkun ipprovduta fl-istruzzjonijiet għall-użu kif murija fuq it-tikketta.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1.

## PARTI B

### Lista ta' użu intiż

| Skop partikolari nutrizzjonali | Karatteristiċi essenzjali nutrizzjonali | Speċi jew kategorija ta' l-annimali | Dikjarazzjonijiet ta' l-ittikkettjar | Tul rrakkomandat għall-użu | Dispożizzjonijiet oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
| Sostenn għall-funzjoni renali fil-każ ta' insuffiċjenza renali (1) | Livell baxx ta' fosfru u livell ristrett ta' proteina imma ta' kwalità għolja | Klieb u qtates | — Sors(i) ta' Proteina<br>— Kalċju<br>— Fosfru<br>— Potassju<br>— Sodju<br>— Kontenut ta' aċidi grassi essenzjali (jekk miżjuda) | Inizjalment sa 6 xhur (2) | Indika fuq il-pakkett, ik-il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkomandat li l-opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu jew qabel ma jkun estiż il-perijodu ta' l-użu."<br>Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu:<br>"Ilma jrid ikun disponibbli l-hin kollu." |
| Dissoluzzjoni ta' ġebel struwittiv (3) | — Propjetajiet aċidifikanti ta' l-urina, livell baxx ta' manjeżju, u livell ristrett ta' proteina imma ta' kwalità għolja | Klieb | — Sors(i) ta' Proteina<br>— Kalċju<br>— Fosfru<br>— Sodju<br>— Manjeżju<br>— Potassju<br>— Kloridi<br>— Kubrit<br>— Sustanzi aċidifikanti ta' l-urina | 5 sa 12-il ġimgħa | Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu:<br>"Ilma jrid ikun disponibbli l-hin kollu."<br>Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkommandat li opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu." |
| | — Propjetajiet aċidifikanti ta' l-urina u livell moderat ta' manjeżju | Qtates | — Kalċju<br>— Fosfru<br>— Sodju<br>— Manjeżju<br>— Potassju<br>— Kloridi<br>— Kubrit<br>— Total ta' zokkor<br>— Sustanzi aċidifikanti ta' l-urina | | |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| Tnaqqis ta' rikorrenza tal-ġebla struttiva (3) | Propjetajiet aċidifikanti ta' l-urina u livell moderat ta' manjeżju | Klieb u qtates | — Kalċju<br>— Fosfru<br>— Sodju<br>— Manjeżju<br>— Potassju<br>— Kloridi<br>— Kubrit<br>— Sustanzi aċidifikanti ta' l-urina | Sa 6 xhur | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkomandat li opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu." |
| Tnaqqsis tal-formazzjoni tal-ġebla uratika | Livell baxx ta' purini, livell baxx ta' proteina imma ta' kwalità għolja | Klieb u qtates | Sors(i) ta' Proteina | Sa 6 xhur imma użu għal tul il-ħajja f'każijiet ta' disturbanza irreversibbli tal-metaboliżżmu b' aċidu urikuż | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkomandat li opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu." |
| Tnaqqsis tal-formazzjoni tal-ġebla oxalika | Livell baxx ta' kalċju, livell baxx ta' vitamina D u propjetajiet alkalizzanti ta' l-urina | Klieb u qtates | — Fosfru<br>— Kalċju<br>— Sodju<br>— Manjeżju<br>— Potassju<br>— Kloridi<br>— Kubrit<br>— Total vitamina D<br>— Idroxiprolina<br>— Sustanzi alkalizzanti ta' l-urina | Sa 6 xhur | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkomandat li opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu." |
| Tnaqqsis tal-formazzjoni tal-ġebla ċistina | Livell baxx ta' proteina, livell moderat ta' aċidi amino tal-kubrit u propjetajiet alkalizzanti ta' l-urina | Klieb u qtates | — Total ta' aċidi amino tal-kubrit<br>— Sodju<br>— Potassju<br>— Kloridi<br>— Kubrit<br>— Sustanzi alkalizzanti ta' l-urina | Inizjalment sa sena | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkomandat li opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu jew qabel ma jkun estiż il-perijodu ta' l-użu." |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| Tnaqqis ta' l-intolleranzi għall-ingredjenti u n-nutriment (4) | — Sorsi ta' proteina magħżula<br><br>u/jew<br><br>— Sorsi magħżula tal-karbo-idrati (s) | Klieb u qtates | — Sors(i) ta' Proteina<br>— Kontenut ta' l-aċidi grassi essenzjali (jekk miżjuda)<br><br>— Sors(i) ta' Karbo-idrati<br>— Kontenut ta' aċidi grassi essenzjali (jekk miżjuda) | 3 sa 8 ġimgħat jekk jisparixxu s-sinjali ta' l-intolleranza dan l-ikel jista' jintuża indefinittivament | |
| Riduzzjoni ta' disordni assorbittiva intestinali akuta | Livell aktar għoli ta' elettroliti u l-ingredjenti li jkunu diġeriti malajr | Klieb u qtates | — Ingredjenti li jiġu diġeriti b' mod mgħaġġel kif ukoll it-trattament tagħhom jekk xieraq<br>— Sodju<br>— Potassju<br>— Sors(i) ta' sustanzi muċilaġġini (jekk miżjuda) | 1 sa 2 ġimgħat | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>— "Matul perijodi ta' jew l-irkuprar minn dijarreja akuta."<br>— "Huwa rrakkomandat li l-opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu." |
| Kumpens għal diġestjoni ħażina (5) | Ingredjenti li jiġu diġeriti malajr u livell aktar baxx ta' xaħam | Klieb u qtates | Ingredjenti ferm diġeriti inkluż it-trattament tagħhom jekk xieraq | 3 sa 12-il ġimgħa, imma durata għal-ħajja fil-każ ta' insuffiċjenza kronika tal-pankreja | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkomandat li l-opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu." |
| Sostenn għall-funzjoni tal-qalb fil-każ ta' insuffiċjenza kardijaka | Livell baxx ta' melħ u proporzjon miżjuda ta' K/Na | Klieb u qtates | — Sodju<br>— Potassju<br>— Manjeżju | Inizjalment sa 6 xhur | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkomandat li opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu jew qabel ma jkun estiż il-perijodu ta' l-użu." |
| Regolazzjoni ta' forniment ta' zokkor (*Dijabete mellitus*) | Livell baxx ta' karbo-idrati li jirrilaxxaw iz-zokkor b'mod mgħaġġel | Klieb u qtates | — Sors(i) ta' Karbo-idrati<br>— Trattament ta' karbo-idrati jekk xieraq<br>— Lamtu<br>— Total ta' zokkor<br>— Fruttożi (jekk miżjuda)<br>— Kontenut ta' aċidi grassi essenzjali (jekk miżjuda)<br>— Sors(i) ta' aċidi grassi ta' katina qasira u medja (jekk miżjuda) | Inizjalment sa 6 xhur | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkomandat li opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu jew qabel ma jkun estiż il-perijodu ta' l-użu." |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| Sosteniment tal-funzjoni tal-fwied fil-każ ta' l-insuffiċjenza kronika tal-fwied | — Proteini ta' kwalità għolja, livell moderat ta' proteina, livell għoli ta' aċidi grassi essenzjali u livell għoli ta' karboidrati diġeribbli sew | Klieb | — Sors(i) ta' Proteina<br>— Kontenut ta' aċidu grass essenzjali<br>— Karboidrati ta' diġeribilità għolja inkluż it-trattament tagħhom jekk xieraq<br>— Sodju<br>— Total ta' ram | Inizjalment sa 6 xhur | Indika fuq il-pakket, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Hu rrakkomandat li l-opinjoni tal-veterinarju tiġi meħuda qabel l-użu jew qabel ma jiġi estiż il-perjodu ta' l-użu."<br>Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu:<br>"L-ilma għandu jkun disponibbli f'kull ħin." |
| | — Proteina ta' kwalità għolja, livell moderat ta' proteina u livell għoli ta' aċidi grassi essenzjali | Qtates | — Sors(i) ta' Proteina<br>— Sors(i) ta' proteina<br>— Sodju<br>— Total ta' ram | Inizjalment sa 6 xhur | Indika fil-pakket, fil-kontenitur jew fit-tikketta:<br>"Hu rrakkomandat li tiġi mitluba l-opinjoni tal-veterinarju qabel l-użu jew qabel ma jiġi estiż il-perjodu ta' l-użu."<br>Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu:<br>"L-ilma għandu jkun disponibbli f'kull ħin." |
| Regolazzjoni ta' metaboliżżmu lipidu fil-każ ta' iperlipidimija | Livell baxx ta' xaħam u livell għoli ta' aċidi grassi essenzjali | Klieb u qtates | — Kontenut ta' aċidi essenzjali grassi<br>— Kontenut ta' aċidi essenzjali grassi n-3 (jekk miżjuda) | Inizjalment sa xahrejn | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa ssuġġerit li opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu jew qabel ma jkun estiż il-perijodu ta' l-użu." |
| Tnaqqis ta' ram fil-fwied | Livell baxx ta' ram | Klieb | Total ta' ram | Inizjalment sa 6 xhur | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa ssuġġerit li opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu." |
| Tnaqqis tal-piż eċċessiv tal-ġisem | Densità ta' enerġija baxxa | Klieb u qtates | Valur ta' l-enerġija | Sakemm il-mira tal-piż tal-ġisem tkun ġiet milħuqa | Fl-istruzzjonijiet għall-użu, l-ammont tad-doża xierqa ta' kuljum, għandha tkun irrakkommandata. |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| Restawr nutrizzjonali, konvalexxenza ([6]) | Densità ta’ enerġija għolja, konċentrazzjonijiet għolja ta’ nutrijenti essenzjali u ingredjenti diġestibbli għolja | Klieb u qtates | — Ingredjenti diġestibbli għolja, inkluż it-trattament tagħhom jekk applikabbli<br>— Valur ta’ l-enerġija<br>— Kontenut ta’ n-3 u n-6 aċidi grassi (jekk miżjuda) | Sakemm ir-restawr ikun milħuq | Fil-każ ta’ materjali ta’ l-għalf speċjalment ippreżentati sabiex ikunu mogħtija via tubi, indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta:<br>“Amministrazzjoni taħt is-superviżjoni veterinarja” |
| Sostenn għall-funzjoni tal-ġilda fil-każ ta’ dermatożi u telf eċċessiv ta’ xagħar | Livell għoli ta’ aċidi grassi essenzjali | Klieb u qtates | Kontenut ta’ aċidi essenzjali grassi | Sa xahrejn | Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu:<br>“Huwa ssuġġerit li opinjoni ta’ veterinarju tkun miksuba qabel l-użu jew qabel ma jkun estiż il-perijodu ta’ l-użu.” |
| Tnaqqis tar-riskju tad-deni tal-ħalib | — Livell baxx ta’ kalċju | Baqar li jipproduċu l-ħalib | — Kalċju<br>— Fosfru<br>— Manjeżju | Minn ġimgħa sa 4 ġimgħat qabel ma jwelldu | Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu:<br>“Tibqax titma’ wara li jwelldu” |
| | u/jew | | | | |
| | — Proporzjoni *cations/anions* baxxa | | — Kalċju<br>— Fosfru<br>— Sodju<br>— Potassju<br>— Kloridi<br>— Kubrit | Minn ġimgħa sa 4 ġimgħat qabel ma jwelldu | Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu:<br>“Tibqax titma’ wara li jwelldu” |
| | jew | | | | |
| | — Livell għoli ta’ *zeolite (synthetic sodium aluminium silicate)* | | Kontenut ta’ *synthetic sodium aluminium silicate* | Il-ġimagħejn qabel ma jwelldu | Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu:<br>— L-ammont ta’ għalf għandu jkun ristrett biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm teħid kuljum ta’ iżjed minn 500g *sodium aluminium silicate* għal kull annimal<br>— “Tibqax titma’ wara li jwelldu” |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| | jew<br>— Livell għoli ta' kalċju fil-forma ta' mluħ tal-kalċju disponibbli ħafna | | Kontenut totali ta' kalċju, sorsi u kwantità rispettiva ta' kalċju | Ibda ma' l-ewwel sinjali ta' tqala sa jumejn wara t-tqala | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>— L-istruzzjoni għall-użu jiġifieri n-numru ta' applikazzjonijiet u ż-żmien qabel u wara li jwelldu<br>— It-test: "Huwa rrakkomandat li titlob opinjoni minn espert nutrizzjonali qabel l-użu." |
| Tnaqqis tar-riskju ta' ketożi (7) (8) | Ingredjenti li jipprovdu sorsi ta' enerġija glukoġenika | Baqar u nagħaġ tal-ħalib | — Ingredjenti li jipprovdu glukoġeniku<br>— Propan-1,2 diol (jekk miżjud bħala prekursur taz-zokkor)<br>— Gliċerol (jekk miżjud bħala prekursur taz-zokkor) | 3 sa 6 ġimgħat qabel ma' jwelldu l-għoġġiela (9)<br>L-aħħar 6 ġimgħat qabel u l-ewwel 3 ġimgħat wara li jwelldu l-ħrief (10) | |
| Tnaqqis tar-riskju tat-tetnu (ipomanjesjamija) | Livell għoli ta' magnjeżju, karboidrati faċilment disponibbli, livell moderat ta' proteina u livell baxx ta' potassju | Ruminanti | — Lamtu<br>— Total ta' zokkor<br>— Manjeżju<br>— Sodju<br>— Potassju | 3 sa 10 ġimgħat matul perijodi ta' tkabbir ta' malajr tal-ħaxix | Fl-istruzzjonijiet għall-użu, gwida għandha tkun ipprovduta fuq il-bilanċ tal-kwantità ta' kuljum, f'dak li jirrigwardja l-inklużjoni tal-fibra u sorsi faċilment disponibbli ta' l-enerġija.<br>Fil-każ tal-materjali ta' l-għalf għall-ovini indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Speċjalment għall-ħrief li jerdgħu." |
| Tnaqqis tar-riskju ta' l-aċidożi | Livell baxx ta' karboidrati li jiffermentaw b'mod faċli u għandhom il-kapaċità ta' lqugħ għolja | Ruminanti | — Lamtu<br>— Total ta' zokkor | Massimu ta' xahrejn (11) | Fl-istruzzjonijiet għall-użu, gwida għandha tkun ipprovduta fuq il-bilanċ tal-kwanitità ta' kuljum, f'dak li jirrigwardja l-inklużjoni tal-fibra u sorsi faċilment fermentabbli tal-karboidrati.<br>Fil-każ tal-materjali ta' l-għalf għall-baqar li jreddgħu indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Speċjalment għal baqar ta' produzzjoni għolja."<br>Fil-każ tal-materjali ta' l-għalf għal ruminanti għas-simna indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Speċjalment għal dawk mitmugħa intensivament." (12) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| Stabilizzazzjoni tal-bilanċ ta' l-ilma u l-elettroliti | Prinċipalment elettroliti u karboidrati li jkunu assorbiti malajr | Għoġġiela<br>Majjalini<br>Nagħaġ<br>Gidjien<br>Ferħ taż-żwiemel | — Sors(i) ta' Karboidrati<br>— Sodju<br>— Potassju<br>— Kloridi | Ġurnata sa 7 tijiem (ġurnata sa 3 ijiem jekk mitmugħa esklussivament) | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>— "Fil-każ ta' riskju ta' matul il-perijodi ta', jew l-irkuprar minn disturbanza diġenstiva (dijarreja)."<br>— "Huwa ssuġġerit li opinjoni ta' veterinarju tkun miksuba qabel l-użu." |
| Tnaqqis tar-riskju ta' kalkul urinarju | Livell baxx ta' fosfru, manjeżju u propjetajiet ta' l-urina aċidifikanti | Ruminanti | — Kalċju<br>— Fosfru<br>— Sodju<br>— Manjeżju<br>— Potassju<br>— Kloridi<br>— Kubrit<br>— Sustanzi aċidifikanti ta' l-urina | Sa 6 ġimgħat | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Speċjalment għal dawk mitmugħa intensivament."<br>Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu:<br>"Ilma jrid ikun disponibbli il-ħin kollu." |
| Tnaqqis ta' reazzjonijiet ta' l-istress | — Livell għoli ta' manjeżju<br>u/jew<br>— Ingredjenti li jkunu diġeriti malajr | Majjali | — Manjeżju<br>— Ingredjenti li jiġu diġeriti b' mod mgħaġġel kif ukol lit-trattament tagħhom jekk xieraq<br>— Kontenut ta' l-aċidi essenzjali grassi n-3 (jekk miżjuda) | Ġurnata sa 7 tijiem | Gwida għandha tkun ipprovduta dwar is-sitwazzjoni f'liema użu ta' dan l-ikel huwa xieraq |
| Stabilizzazzjoni ta' diġestjoni fiżjoloġika | — Kapaċità ta' lqugħ baxxa, u ingredjenti li jkunu diġeriti malajr | Majjalini | — Ingredjenti li jiġu diġeriti b'mod mgħaġġel kif ukol lit-trattament tagħhom jekk xieraq<br>— Kapaċità ta' lqugħ<br>— Sors(i) ta' sustanzi astrinġenti (jekk miżjuda)<br>— Sors(i) ta' sustanzi muċilaġini (jekk miżjuda) | Ġimagħtejn sa 4 ġimgħat | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Fil-każ ta' riskju ta' matul il-perijodi ta', jew l-irkuprar minn disturbanza diġestiva." |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| | — Ingredjenti li jkunu diġeriti malajr | Majjali | — Ingredjenti li jiġu diġeriti b'mod mgħaġġel kif ukoll it-trattament tagħhom jekk xieraq<br>— Sors(i) ta’ sustanzi astrinġenti (jekk miżjuda)<br>— Sors(i) ta’ sustanzi muċilaġini (jekk miżjuda) | | |
| Tnaqqis tar-riskju ta’ konstipazzjoni | Ingredjenti li jistimulaw il-passaġġ intestinali | Majjali femminili | Ingredjenti li jistimulaw il-passaġġ intestinali | 10 sa 14-il ġurnata qabel u 10 sa 14-il ġurnata wara t-twelid tal-majjalini | |
| Tnaqqis tar-riskju tas-sindromu tal-fwied imxaħħam | Enerġija baxxa u proporzjon għoli ta’ l-enerġija metaboliżżabbli minn lipidi b'livell għoli ta’ aċidi grassi polisaturati | Tiġieġ li jbidu | — Valur Enerġiku (kkalkulat skond il-metodu KE)<br>— Perċentwali ta’ enerġija metabilizzabbli mil-lipidi<br>— Kontenut ta’ aċidi grassi polisaturizzati | Sa 12-il ġimgħa | |
| Kumpens għal assorbiment ħażin | Livell baxx ta’ aċidi grassi saturati u livell għoli ta’ vitamini mxaħħma li jinħallu fl-ilma | Tjur apparti milli wiżż u ħamiem | — Perċentwali ta’ aċidi grassi saturati meta mqabbla mat-total ta’ aċidi grassi<br>— Total ta’ vitamina A<br>— Total ta’ vitamina D<br>— Total ta’ vitamina E<br>— Total ta’ vitamina K | Matul l-ewwel ġimagħtejn wara t-tfaqqis | |
| Kumpens għal insuffiċjenza kronika fil-funzjonijiet ta’ l-imsaren iż-żgħar | Karboidrati diġestibbli prekaekalli għolja | Ekwini [13] | — Sorsi ta’ karbo-idrati diġestibbli għolja, proteini, u xaħmijiet, inkluż it-trattament tagħhom jekk applikabbli | Inizjalment sa sitt xhur | Gwida għandha tkun ipprovduta fis-sitwazzjonijiet li fihom l-użu ta’ l-għalf huwa xieraq u l-manjiera li biha għandhom ikunu amministrati bħala għalf inklużi ikliet żgħar ta’ kuljum<br>Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>“Huwa rrakkommandat li l-opinjoni veterinarja għandha tkun miksuba qabel l-użu jew qabel ma jkun estiż il-perjodu ta’ l-użu.” |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| Kumpens għal disordni diġestiva kronika ta' l-intestini l-kbar | Fibra ferm diġestibbli | Ekwini | — Sors(i) tal-fibra<br>— Kontenut ta' n-3 aċidi grassi (jekk miżjuda) | Inizjalment sa sitt xhur | Gwida għandha tkun ipprovduta fis-sitwazzjonijiet li fihom l-użu ta' l-għalf huwa xieraq u l-manjiera li biha għandhom ikunu amministrati bħala għalf<br>Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkommandat li l-opinjoni veterinarja għandha tkun miksuba qabel l-użu jew qabel ma jkun estiż il-perjodu ta' l-użu." |
| Tnaqqis tar-reazzjonijiet ta' l-*istress* | Ingredjenti ferm diġestibbli | Ekwini | — Manjeżju<br>— Ingredjenti diġestibbli għolja, inkluż it-trattament tagħhom jekk applikabbli<br>— Kontenut ta' n-3 aċidi grassi (jekk miżjuda) | Minn 2 sa 4 ġimgħat | Gwida għandha tkun ipprovduta dwar is-sitwazzjonijiet preċiżi li fihom l-użu ta' l-għalf huwa xieraq |
| Kumpens għat-telf ta' l-elettrolite fil-każi ta' għaraq żejjed | Elettrolite predominanti u karbo-idrati faċilment assorbibbli | Ekwini | — Kalċju<br>— Sodju<br>— Manjeżju<br>— Potassju<br>— Kloridi<br>— Glukożju | Minn wieħed sa 3 ijiem | Gwida għandha tkun ipprovduta fis-sitwazzjonijiet li fihom l-użu ta' l-għalf huwa xieraq<br>Meta l-għalf jikkorrispondi għal parti sinifikanti tal-kwantità ta' kuljum, għandha tkun ipprovduta gwida biex ikun evitat ir-riskju ta' tibdil f'daqqa fin-natura ta' l-għalf<br>Indika fuq l-istruzzjonijiet għall-użu:<br>"L-ilma għandu jkun disponibbli il-ħin kollu." |
| Restawr nutrizzjonali, konvalixxenza | Konċentrazzjoni għolja tan-nutrimenti essenzjali u ta' l-ingredjenti ferm diġestibbli | Ekwini | — Ingredjenti diġestibbli għolja, inkluż it-trattament tagħhom jekk applikabbli<br>— Kontenut ta' n-3 u n-6 aċidi grassi (jekk miżjuda) | Sakemm ir-restawr ikun milħuq | Gwida għandha tkun ipprovduta fis-sitwazzjonijiet li fihom l-użu ta' l-għalf huwa xieraq<br>Fil-każ ta' għalf speċjalment ippreżentat li għandu jkun mogħti via it-tubi, indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta:<br>"Amministrazzjoni taħt is-superviżjoni veterinarja." |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| Sostenn tal-funzjoni tal-fwied fil-każ ta' insuffiċjenza kronika tal-fwied | Livell baxx ta' proteina ta' kwalità għolja u karboidrati diġestibbli għoljin | Ekwini | — Proteini u sorsi ta' fibra<br>— Ingredjenti diġestibbli għolja, inkluż it-trattament tagħhom jekk applikabbli<br>— Metjonin<br>— Kolin<br>— Kontenut ta' n-3 aċidi grassi (jekk miżjuda) | Inizjalment sa 6 xhur | Gwida għandha tkun ipprovduta dwar il-manjiera li permezz tagħha l-għalf għandu jkun mitmugħ, inklużi diversi ikliet żgħar kuljum<br>Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkommandat li l-opinjoni veterinarja għandha tkun miksuba qabel l-użu jew qabel ma jkun estiż il-perjodu ta' l-użu." |
| Sostenn għall-funzjoni renali fil-każ ta' insuffeċjenza kronika renali | Livell baxx ta' proteina imma ta' kwalità għolja u livell baxx ta' fosfru | Ekwini | — Sors(i) ta' Proteina<br>— Kalċju<br>— Fosfru<br>— Potassju<br>— Manjeżju<br>— Sodju | Inizjalment sa 6 xhur | Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta:<br>"Huwa rrakkommandat li l-opinjoni veterinarja għandha tkun miksuba qabel l-użu jew qabel ma jkun estiż il-perjodu ta' l-użu."<br>Indika fuq l-istruzzjonijiet ta' l-użu:<br>"L-ilma għandu jkun disponibbli il-ħin kollu." |

(1) Jekk xieraq il-manifattur jista' wkoll jirrakkomanda l-użu ta' insuffiċjenza renali temporanja.
(2) Jekk il-materjal ta' l-għalf huwa rrakkomandat għal insuffiċjenza renali temporanja il-perijodu rrakkomandat ta' l-użu għandu jkun minn ġimagħtejn sa erbgħa' ġimgħat.
(3) Fil-każ ta' materjali ta' l-għalf għall-qtates "marda tal-passaġġ baxx ta' l-urina tal-qtates" jew "sindromu uroloġiku tal-qtates - F.U.S" jista' jikkumpensa l-iskop nutrittiv partikolari.
(4) Fil-każ ta' materjali ta' l-għalf għal intolleranza partikolari, referenza għall-intolleranza speċifika tista' tirrimpjazza "ingredjent u nutrijent".
(5) Il-manifattur jista jikkompleta l-iskop nurtittiv partikolari mar-referenza: "insuffiċjenza essokrina pankrejatika".
(6) Fil-każ ta' materjali ta' l-għalf għall-qtates, il-manifattur jista jżid l-iskop nutrizzjonali partikolari b'referenza għal "Lipidosi hepatika fellina".
(7) It-terminu "ketożi" jista' jkun irrimpjazzat minn "aċetonemja".
(8) Il-manifatturi jistgħu ukoll jirrakkomandaw l-użu għall-irkupru tal-ketożi.
(9) Fil-każ ta' materjali ta' l-għalf għall-baqar tal-ħalib.
(10) Fil-każ ta' materjali ta' l-għalf għan-nagħaġ.
(11) Fil-każ ta' materjali ta' l-għalf għall-baqar tal-ħalib: "massimu ta' xahrejn mill-bidu tal-lattazzjoni."
(12) Indika l-kategorija tar-ruminanti kkonċernati.
(13) Fil-każ ta' materjali ta' l-ikel li huma speċjalment ippreparati sabiex jilħqu l-kondizzjonijiet speċifiċi ta' annimali ferm xjuħ (ingredjenti faċilment diġestibbli), referenza għal "annimali xjuħ" għandha tkun inkluża fl-indikazzjoni tal-ispeċje jew tal-kategorija ta' l-annimali.

*ANNESS II*

## PARTI A

**Direttiva mħassra flimkien ma' lista ta' l-emendi suċċessivi tagħha**

(imsemmi fl-Artikolu 2)

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kummissjoni 94/39/KE | (ĠU L 207, 10.8.1994, p. 20) |
| Direttiva tal-Kummissjoni 95/9/KE | (ĠU L 91, 22.4.1995, p. 35) |
| Direttiva tal-Kummissjoni 2002/1/KE | (ĠU L 5, 9.1.2002, p. 8) |
| Direttiva tal-Kummissjoni 2008/4/KE | (ĠU L 6, 10.1.2008, p. 4) |

## PARTI B

**Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali**

(imsemmi fl-Artikolu 2)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 94/39/KE | 30 ta' Ġunju 1995 |
| 95/9/KE | 30 ta' Ġunju 1995 |
| 2002/1/KE | 20 ta' Novembru 2002 |
| 2008/4/KE | 30 ta' Lulju 2008 |

*ANNESS III*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Direttiva 94/39/EC | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | — |
| — | Artikolu 2 |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| — | Artikolu 4 |
| Anness | Anness I |
| — | Anness II |
| — | Anness III |